MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2025

Appell Inferjuri Numru 16/2011 LM

**Easy Buy Limited (C 31616)**
*('l-appellanta')*

***vs.***

**Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud**
*('l-appellat')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà rikorrenti **Easy Buy Limited (C 31616)** [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà appellanta'] mis-sentenza mogħtija fid-9 ta' Mejju, 2024, [minn issa 'l quddiem 'is-sentenza appellata'], mit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'], li permezz tagħha ddeċieda r-rikors tagħha fil-konfront tal-intimat **Kummissarju tat-Taxxa fuq il-**

**Valur Miżjud** [minn issa 'l quddiem 'il-Kummissarju appellat'], billi ċaħdu u kkonferma l-istimi maħruġa fil-konfront tagħha għall-perijodi ta' taxxa bejn l-1 ta' Lulju, 2003 u l-31 ta' Ottubru, 2005, bl-ispejjeż kontriha.

## Fatti

2. Il-fatti tal-appell odjern jirrigwardaw stimi li nħarġu fil-konfront tas-soċjetà appellanta mill-Kummissarju appellat, għall-perijodu ta' taxxa bejn l-1 ta' Lulju, 2003 u l-31 ta' Ottubru, 2005, għas-somma komplessiva ta' ħamsa u għoxrin elf ħames mija tmienja u disgħin Euro (€25,598), u dan mingħajr penali amministrattivi u imgħax. Jingħad li dawn l-istimi saru wara li twettaq '*credit control exercise'* min-naħa tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, wara li s-soċjetà appellanta ppreżentat diversi talbiet fir-rigward tal-*input VAT.*

## Mertu

3. Is-soċjetà appellanta ħasset ruħha aggravata bl-imsemmija stimi, u ppreżentat rikors quddiem il-Bord tal-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, li fil-21 ta' April, 2011, iddeċieda kif ġej:

> *"1. Li d-Dipartiment kien ċar meta permezz tal-ittra tiegħu tal-1 ta' Marzu 2010 (it-tieni avviż) huwa ta dettalji tad-dokumentazzjoni li għandha tiġi ppreżentata mit-*"taxpayer" *għall-ispezzjoni tal-kotba tal-bejgħ u x-xiri.*
>
> *2. Li fl-ittra tiegħu tat-12 ta' April 2010, id-Dipartiment ġibed l-attenzjoni tat-*"taxpayer" *għall-provizzjoni tal-Liġi (Art. 48 (5)) fir-rigward tal-perijodu ta' 30 jum għad-dispożizzjoni tat-*"taxpayer" *u ta lit-*"taxpayer" *8 ijiem biex jaġixxi kif suppost.*
>
> *3. Li l-iskużi li ġab it-*"taxpayer" *fit-tweġiba tiegħu tas-17 ta' April 2010 ma kienux raġonevoli kif titlob il-Liġi u d-Dipartiment avża b'dan lit-*"taxpayer" *permezz ta' ittra datata 15 ta' Mejju 2010.*

*Fiċ-ċirkostanzi, il-Bord jidhirlu li l-appellant, li huwa kumpannija b'ċerti responsabbiltajiet fiskali u li kien rappreżentat minn* "accountant" *kif jidher mill-* 'credit control report', *naqset serjament u li l-Liġi (Art 48(5)) hija assolutament tassattiva f'dan ir-rigward.*

*Għalhekk l-Appell huwa miċħud."*

4. Is-soċjetà appellanta ħasset ruħha aggravata bid-deċiżjoni tal-Bord, u fil-21 ta' Lulju, 2011, intavolat appell quddiem din il-Qorti, kif diversament ippreseduta, fejn talbet għar-revoka tal-imsemmija deċiżjoni u sabiex il-Qorti tiddikjara li d-denunzji tagħha kienu saru skont il-liġi, u għalhekk ma kien dovut xejn lill-Kummissarju appellat. Permezz tas-sentenza tagħha tal-31 ta' Mejju, 2012, il-Qorti ddeċidiet kif ġej:

*"...filwaqt li tiċħad ir-risposta tal-appell tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud datata 8 ta' Awwissu 2011 għaliex hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, u dan in kwantu nkonsistenti ma' dak hawn deċiż,* ***tilqa' l-appell interpost mis-soċjetà appellanti Easy Buy Limited fir-rikors tal-appell tagħha datat 21 ta' Lulju 2011 biss fis-sens hawn deċiż u b'hekk tannulla u tirrevoka d-deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli Dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud fl-ismijiet "Easy Buy Limited vs Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud" (Appell Numru 58/2010) datata 21 ta' April 2011 għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi u tibgħat u tirrinvija l-atti kollha lill-istess Bord tal-Appelli Dwar it-Taxxa Fuq il-Valur Miżjud sabiex fid-dawl ta' dak hawn deċiż tiddeċiedi l-każ skont il-Liġi.***

***Bl-ispejjeż kontra l-appellat il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud."***

## Is-Sentenza Appellata

5. It-Tribunal wasal għas-sentenza appellata wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet rilevanti għal dan l-appell:

***"Ikkonsidra:***

*Bil-proċeduri odjerni s-soċjetà Rikorrenti tikkontesta l-istimi maħruġa fil-konfront tagħha mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud għall-perijodi ta' taxxa*

*01.07.03 sa' 31.10.05, permezz ta' liema jesiġi ħlas tas-somma ta'* ***€25,598*** *bħala taxxa, oltre taxxa amministrattiva u imgħax, u titlob li jkun hemm korrezzjoni fl-imsemmija stimi fis-sens illi l-ammont minnha dovut lill-Kummissarju għandu jkun dak li fil-fatt ġià tħallas u b'hekk jirriżulta li ma jkun dovut xejn iktar minnha lill-imsemmi Kummissarju.*

*Is-soċjetà Rikorrenti tibbaża l-appell tagħha fuq l-aggravju li* ma hu dovut l-ebda ammont ta' flus u kull bilanċ dovut ġie mħallas. Illi l-appellant kien ibiegħ il-karozzi (dealer) u huwa ferm probabbli li d-Dipartiment qiegħed jaħdem fuq il-prezz ta' bejgħ tal-vettura u mhux fuq il-profitt tiegħu *(fn. 11* A tergo *ta' fol. 43 tal-proċess).*

*Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, illum Kummissarju tat-Taxxa u Dwana, jopponi għall-appell tas-soċjetà Rikorrenti mill-istimi maħruġa fil-konfront tagħha għall-perijodi ta' taxxa 01.07.03 sa' 31.10.05 u jitlob li l-istess jiġi miċħud stante li: (i) il-Likwidazzjonijiet għaż-żminijiet ta' taxxa in kwistjoni huma ġusti u b'hekk jistħoqqilhom konferma; (ii) is-soċjetà Rikorrenti naqset milli tipprovdi l-kotba tan-negozju li kienu mitluba mill-Kummissarju; u (iii) il-Bord (illum it-Tribunal) ma għandux jippermetti lis-soċjetà Rikorrenti tipprovdi il-kotba tan-negozju f'dan l-istadju tal-proċeduri, u dan a tenur tal-Artikolu 48(5) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*It-tielet eċċezzjoni sollevata mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, ossia l-eċċezzjoni a tenur tal-Artikolu 48(5) tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta, ġiet trattata u determinata - u dana billi ġiet milqugħa - b'deċiżjoni pronunċjata mit-Tribunal fis-6 ta' Marzu 2018. Fid-dawl ta' dan għalhekk jifdal issa li l-appell tas-soċjetà Rikorrenti jiġi trattat fil-mertu fid-dawl tar-rimanenti eċċezzjonijiet sollevati mill-Kummissarju.*

*Il-bażi fuq liema nħarġu l-istimi fil-konfront tas-soċjetà Rikorrenti tirriżulta mill-*Credit Control Report *datat 10 ta' Marzu 2010 (fn. 12: Fol. 10 tal-atti proċesswali tal-Appell bin-Numru 58/2010 fl-ismijiet "Easy Buy Limited v. Kummissarju tat-Taxxa Fuq il-Valur Miżjud"). Fl-imsemmi rapport jingħad is-segwenti:* Economic Activity: Mr. Anthony Scerri (the director) works part-time as a car dealer from a garage situated in Qormi. He sells second hand cars on behalf of Ventur Co. Ltd. File was referred for credit control as per Red 10 and min 11 in the blue file. Taxpayer was asked to produce P&Ls for year ending 2003-2006, Purchases Ledgers and related Tax Invoices for tax returns covering periods: 01/07/03 - 31/10/06. First notice was mailed to the taxpayer and duly received on 24th July 2009. An appointment was held at the department on the 28th August 2009 where taxpayer brought documents pertaining to Water & Waste Services (another file under investigation for which Mr Scerri is the director as well). He was informed that the department requested the documents of XXX Ltd. as indicated in the first notice. Mr. Scerri assured us that he will be sending them shortly. Various emails were sent to Mr. Darryl Portelli (the accountant who was present at

the appointment) asking for the ledgers and the invoices. He sent various ledgers. These contained periods and amounts that did not tally with the Vat returns. He was specifically asked to send the ledgers holding the periods as per Vat returns and was also asked to send the invoices however to no avail. Recommendation: In view of the above stated, we are of the opinion that taxpayer is trying to gain time so that the 6 years as per Article 32(1) will elapse. Moreover, he was given ample time to produce the records as requested. In view of this, **it is recommended that provisional assessments should be raised to deduct the amount of €25,598 of Input Vat claimed.**

*Mill-*Credit Control Report *jirriżulta għalhekk illi l-eżerċizzju li sar mid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud fil-konfront tas-soċjetà Rikorrenti, li eventwalment wassal għall-ħruġ ta' stimi mertu ta' dawn il-proċeduri, kien fir-rigward ta'* **input tax**. *In effetti Rachel Cordina, l-Ispettur tad-Dipartiment inkarigata minn dan il-*Credit Control Exercise, *iddikjarat li għall-fini ta' tali eżerċizzju* tlabna lit-taxpayer sabiex jippreżenta xi dokumenti **fuq Vat li ikklejmja f'ċertu perijodu li huwa minn Lulju tas-sena 2003 sal-31 ta' Ottubru tas-sena 2006** (*fn. 13: Enfasi tat-Tribunal)*, però dan baqa' ma pproduċihomx. … bgħattlu first notice, imbagħad kien ġie fuq file ieħor għaliex kumbinazzjoni kont qed ninvestigah ukoll għaliex inzerta l-istess direttur, però qatt ma ġabhomli r-records. Kont bgħattlu anke second notice, tajtu ċans kważi sena, bgħattli qisu biċċa ledgers imma ma stajtx nasal għall-ammonti li ridt jiena biex inkun nista' nivverifika r-refunds li jikklejmja. … Imbagħad minn hemmhekk ovvjament **qtajnielu l-input Vat** *(fn. 14: Enfasi tat-Tribunal)* u ovvjament ma stajtx nagħtih iktar ċans għaliex kienu se jaqbżulna s-sitt snin allura qisni ridt nagħlaq *(fn. 15: Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-5 ta' Novembru 2019, fol. 202 u 203 tal-proċess).*

*It-Tribunal qed jagħmel din l-osservazzjoni għar-raġuni li kemm l-aggravju fuq liema s-soċjetà Rikorrenti tibbaża l-appell tagħha mill-istimi mertu ta' dawn il-proċeduri kif ukoll il-provi minnha prodotti in sostenn tal-appell tagħha, ma jindirizzawx u ma jittrattawx il-kwistjoni tal-*input tax *li, kif osservat, tikkostitwixxi is-suġġett u l-qofol tal-istimi maħruġa fil-konfront tagħha.*

*Kif ġià iktar 'l fuq osservat l-aggravju tal-appell tas-soċjetà Rikorrenti huwa fis-sens illi l-*appellant kien ibiegħ il-karozzi (dealer) u huwa ferm probabbli li d-Dipartiment qiegħed jaħdem fuq il-prezz ta' bejgħ tal-vettura u mhux fuq il-profitt tiegħu *u l-provi minnha prodotti, prinċipalment ix-xhieda ta' Antoine Scerri (fn. 16: Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-2 ta' April 2019, fol. 143 sa' 146 tal-proċess) u Tonio Cardona (fn. 17: Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-11 ta' Ġunju 2019, fol. 199 u 200 tal-proċess), jittrattaw dwar l-arranġament fuq* commission basis *li jidher li kien hemm bejn is-soċjetà Rikorrenti u s-soċjetà Ventur Commercials Co. Ltd. Tali aggravju u provi*

*kjarament jittrattaw u jindirizzaw kwistjoni ta'* output tax*, li ma tifformax il-mertu ta' l-istimi hawn appellati in kwantu, kif ingħad, is-suġġett tal-istimi mertu ta' dawn il-proċeduri huwa* input tax *reklamata mis-soċjetà Rikorrenti fil-perijodi ta' taxxa 01.07.03 sa' 31.10.05 li ma ġietx aċċettata mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud in kwantu mhux sodisfaċentament pruvata u sostanzjata mill-istess soċjetà.*

*Kien x'kien l-arranġament bejn is-soċjetà Rikorrenti u s-soċjetà Ventur Commercials Co. Ltd. u kienu x'kienu l-ammonti dikjarati mill-istess soċjetà Rikorrenti bħala* output tax, *li essenzjalment hija t-taxxa dovuta minn* taxpayer *fuq provvisti taxxabbli magħmula minnu matul il-perijodu/i ta' taxxa, dawn huma kwistjonijiet sa' ċertu punt distinti mill-*input tax *reklamata mill-imsemmija soċjetà fil-perijodi ta' taxxa mertu ta' dawn il-proċeduri u għaldaqstant ftit li xejn għandhom rilevanza fil-kuntest tal-mertu tal-proċeduri odjerni.*

*Jiġi osservat li siccome l-perijodi ta' taxxa mertu ta' dawn il-proċeduri huma mill-1 ta' Lulju 2003 sal-31 ta' Ottubru 2005, hemm żewġ liġijiet li għandhom jiġu ikkunsidrati għall-fini tal-konsiderazzjonijiet li għandu jagħmel dan it-Tribunal, u cioè l-Att XXIII ta' l-1998* ***u*** *l-Att X tal-2003, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2004.*

*Ai termini tal-Artikolu 23 tal-Att XXIII tal-1998 (li kien il-provvediment tal-Liġi applikabbli qabel id-dħul fis-seħħ tal-Att X tal-2003, fl-1 ta' Mejju 2004), l-*input tax ta' persuna jkun it-total tat-taxxa li titħallas fuq provvisti lilha magħmula u t-taxxa mħallsa fuq importazzjonijiet taxxabbli minnha magħmula sal-limitu li l-provvisti hekk mogħtija jew l-oġġetti hekk importati jkunu ġew jew ser jiġu wżati għal kollox minnha fit-twettiq jew bit-tkomplija tal-attività ekonomika tagħha. *Similment l-Artikolu 22(2) tal-Att X tal-2003, applikabbli b'effett mill-1 ta' Mejju 2004 'l quddiem, l-*input tax *ta'* persuna taxxabbli hija t-taxxa li jkollha titħallas fuq - (a) provvista magħmula lilha, (b) akkwisti magħmula minnha, u (ċ) importazzjonijiet magħmula minnha, sal-limitu li l-provvisti hekk magħmula u l-oġġetti hekk akkwistati jew importati jintużaw jew ikunu maħsuba li jintużaw kollha kemm huma fil-kors jew avvanz tal-attività ekonomika tagħha.

*Ai termini tal-Artikolu 24 tal-Att XXIII tal-1998 (li kien il-provvediment tal-Liġi applikabbli qabel id-dħul fis-seħħ tal-Att X tal-2003, fl-1 ta' Mejju 2004),* bla ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan l-artikolu, ikun permess għal kull żmien ta' taxxa ta' persuna kreditu li jkun daqsinsew l-input tax ta' dik il-persuna għal dak iż-żmien li huwa attribwibbli għall-provvisti magħmula jew li għandhom isiru minn dik il-persuna li jkunu provvisti li għalihom japplika s-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu. *Similment l-Artikolu 22(3)(a) tal-Att X tal-2003, applikabbli b'effett mill-1 ta' Mejju 2004 'l quddiem, jipprovdi li:* bla ħsara għas-subartikolu (5) - (a) il-kreditu għall-input tax ta' żmien ta' taxxa ta' persuna reġistrata taħt l-artikolu 10 huwa ammont li jkun

daqsinsew għall-input tax ta' dik il-persuna li jkollu jitħallas matul dak iż-żmien li huwa attribwibbli għall-provvisti magħmula jew maħsuba li għandhom jintgħamlu minnha, li jkunu provvisti li għalihom japplika s-subartikolu (4).

*Għalkemm il-kreditu għal* input tax *minn dejjem kien u għadu meqjus bħala dritt tat-*taxpayer*, tali dritt minn dejjem kien, u għadu sa' llum, mhux dritt awtomatiku iżda t-*taxpayer *għandu debitament jissostanzja l-kreditu għal* input tax *minnu reklamat fid-denunzji tat-taxxa tiegħu. In effetti l-Artikolu 24(4) tal-Att XXIII tal-1998 (li kien il-provvediment tal-Liġi applikabbli qabel id-dħul fis-seħħ tal-Att X tal-2003, fl-1 ta' Mejju 2004), kien jipprovdi li:* Il-Ministru jista' b'regolamenti jagħmel dispożizzjonijiet sabiex tiġi stabbilita l-input tax u l-attribuzzjoni ta' input tax u jista' b'dawk ir-regolamenti jippreskrivi - (a) li l-input tax ta' persuna reġistrata ma għandhiex titqies bħala kreditu kemm-il darba ma tkunx dokumentata b'fatturi ta' taxxa jew b'kull prova oħra li tista' tiġi speċifikata; (b) li il-kreditu għall-input tax ma għandux jinkludi taxxa li għandha titħallas fuq dawk il-provvisti jew importazzjonijiet kif jista' jiġi speċifikat; (ċ) li t-taxxa li għandha titħallas fuq dawk il-provvisti jew importazzjonijiet u f'dawk iċ-ċirkostanzi li jistgħu jiġu speċifikati magħmula lil persuna jew minn persuna għandhom jitqiesu bħala input tax ta' persuna oħra; (d) li l-attribuzzjoni ta' input tax ta' persuna għall-provvisti għandha tiġi stabbilita billi ssir referenza għal għadd ta' żminijiet ta' taxxa u li kull attribuzzjoni li tista' tkun saret qabel għaż-żminijiet ta' taxxa imsemmija skont id-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan l-artikolu għandha tissewwa b'dak il-mod li jista' jiġi speċifikat fir-regolamenti msemmija; (e) dawk id-dispożizzjonijiet l-oħra li jistgħu jitqiesu meħtieġa bil-għan li tiġi żgurata attribuzzjoni ġusta u raġonevoli ta' input tax għall-provvisti. *Ai termini tas-subartikolu (6) tal-imsemmi artikolu tal-Liġi,* sa' dak iż-żmien li l-Ministru jippreskrivi regolamenti skont is-subartikolu (5) ta' dan l-artikolu r-regoli imsemmija fil-Ħdax-il Skeda li tinsab ma' dan l-Att għandhom japplikaw.

*Similment l-Artikolu 22(5) tal-Att X tal-2003, applikabbli mill-1 ta' Mejju 2004 'il quddiem, jipprovdi li* d-dritt ta' kreditu ta' input tax, l-ammont ta' kreditu u l-mod li bih l-input tax hija attribwibbli għall-provvisti huwa suġġett għall-kondizzjonijiet, limitazzjonijiet, reviżjonijiet u aġġustamenti mniżżla fl-Għaxar Skeda.

*Il-Partita 3 tal-Ħdax-il Skeda tal-Att XXIII tal-1998, kienet tipprovdi li*: (1) ma għandu jitqies ebda ammont bħala input tax ta' persuna kemm-il darba dik il-persuna ma ġġibx prova li dik it-taxxa kellha titħallas fuq il-provvisti ta' oġġetti u servizzi jew ma' l-importazzjonijiet ta' oġġetti li jkunu ġew jew se jiġu wżati minnha fil-kors tal-avvanz tal-attività ekonomika tagħha. (2) Ħlief b'kull mod ieħor li l-Kummissarju jista' jippermetti, ebda ammont ma għandu jitqies bħala input tax ta' persuna kemm-il darba: (a) ma jkunx appoġġat b'fattura ta' taxxa jew b'dokument ta' importazzjoni li

jkun jindika t-taxxa mħallsa fuq dik l-importazzjoni, miżmuma, f'kull każ, minn dik il-persuna u li tintwera, jekk hekk jintalab, lill-Kummissarju; (b) ma jingħatax kont sew tiegħu fid-dokumentazzjoni miżmuma minn dik il-persuna għall-għanijiet tal-Att.

*It-Tnax-il Skeda tal-Att XXIII tal-1998, li jiġi ribadit kien japplika fiż-żmien qabel l-introduzzjoni tal-Att X tal-2003, fl-1 ta' Mejju 2004, dwar id-dokumentazzjoni ta' taxxa li kull* taxpayer *kien obbligat li jżomm u din kienet tikkonsisti fi - Partita 1:* Kull persuna reġistrata għandha żżomm, bil-għan li tagħti kont tat-taxxa, kull dokumentazzjoni u dokument kif ġej: (a) akkonti u kull dokumentazzjoni xierqa tal-attività ekonomika tagħha; (b) l-akkont tagħha tat-taxxa fuq il-valur miżjud; (ċ) l-akkont tagħha ta' kull sena tat-taxxa fuq il-valur miżjud; (d) kopji ta' kull fattura ta' taxxa minnha maħruġa; (e) kull fattura ta' taxxa li tkun irċeviet; (f) kull dokumentazzjoni li jkollha x'taqsam ma' kull importazzjoni u esportazzjoni minnha magħmula; (ġ) kopji tal-irċevuti fiskali kollha maħruġa skont l-Erbatax-il Skeda li tinsab ma' dan l-Att; u (ħ) kull nota ta' kreditu, nota ta' debitu u dokument ieħor minnha maħruġa jew riċevuti li jagħtu prova żieda jew tnaqqis fil-kumpens għal xi provvisti jew għal importazzjonijiet.

*Il-Partita 3 tal-imsemmija Skeda, dwar il-Kont tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, kienet tipprovdi li:* (1) Il-kont ta' Taxxa fuq il-Valur Miżjud għandu jkun kont separat li jinżamm għal kull żmien ta' taxxa tal-persuna taxxabbli u għandu jinqasam fit-Taqsima ta' Output Tax u fit-Taqsima ta' Input Tax. … (3) It-Taqsima ta' input tax tal-Kont ta' Taxxa fuq il-Valur Miżjud għandha tindika l-ammont totali ta' input tax li tkun permessa li titnaqqas **għal dak iż-żmien, b'dan li issir distinzjoni bejn input tax fuq importazzjoni u fuq provvisti, u għandu jkun fiha riferenza għall-konteġġi li minnhom il-valuri tal-importazzjoni u provvisti li għalihom tkun tirreferi dik l-input tax ikunu jistgħu jiġu verifikati** *(fn. 18: Enfasi tat-Tribunal)*.

*Il-Partita 2 tal-Għaxar Skeda tal-Att X tal-2003, applikabbli mill-1 ta' Mejju 2004 'l quddiem, tipprovdi li:* (1) ma għandu jitqies ebda ammont bħala input tax ta' persuna kemm-il darba dik il-persuna ma ġġibx prova li dik it-taxxa kellha titħallas fuq il-provvisti ta' oġġetti u servizzi jew akkwisti intra-Komunitarji jew fuq importazzjonijiet ta' oġġetti li jkunu ġew jew ser jiġu wżati minnha fil-kors tal-avvanz tal-attività ekonomika tagħha. (2) Ħlief hekk kif il-Kummissarju jista' mod ieħor jippermetti, ebda ammont ma għandu jitqies bħala input tax ta' persuna kemm-il darba: (a) ma jkunx appoġġat bi: (i) fattura ta' taxxa dwar it-taxxa li għandha x'taqsam mal-oġġetti jew servizzi provduti lilu; jew (ii) fattura ta' taxxa dwar it-taxxa li għandha x'taqsam mal-oġġetti miksuba minnu taħt akkwist intra-Komunitarju; jew (iii) dokument ta' importazzjoni li jkun jindika lilha bħala importatur dwar it-taxxa fuq importazzjoni; u (b) dwar kull taxxa fuq xi provvista li skont dan l-Att għandha titħallas minn dik il-

persuna jew fuq akkwist intra-Komunitarju, tkun niżżlet dik it-taxxa bħala dovuta lilha fuq id-denunzja tat-taxxa tagħha; u (ċ) id-dokument riferit fil-paragrafu (a) jkun miżmum minn dik il-persuna u jingħata, fuq talba, lill-Kummissarju; u (d) l-ammont tat-taxxa jkun ingħata kont tiegħu kif imiss fid-dokumentazzjoni miżmuma minn dik il-persuna sal-limitu meħtieġ għall-għanijiet tal-Att.

*Il-Ħdax-il Skeda tal-Att X tal-2003, li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2004 (fn. 19: Din l-Iskeda ġiet emendata diversi drabi wara l-2003, iżda dak provdut fl-Att X tal-2003 huwa dak li japplika għall-perijodu ta' żmien mertu ta'* dawn il-proċeduri)*, kienet tipprovdi dwar u telenka d-dokumentazzjoni u dokumenti li kull* taxpayer *kien fl-obbligu legali li jżomm, fosthom kont tat-taxxa fuq il-valur miżjud, kont ta' kull sena tat-taxxa fuq il-valur miżjud u kull fattura ta' taxxa li tkun irċeviet. Il-Partita 2 tal-imsemmija Skeda, dwar affarijiet li għandhom jiġu nklużi fil-konteġġi, b'mod partikolari għall-krediti ta'* input tax*, kienet tipprovdi:* Il-konteġġi tal-attività ekonomika ta' kull persuna reġistrata taħt l-artikolu 10 għandhom jinżammu b'dak il-mod li jkunu jippermettu li tiġi aċċertata l-verifika ta' dan li ġej: … (d) il-krediti ta' input tax, it-tnaqqis, il-kreditu eċċessiv ta' taxxa u t-taxxa li għandha titħallas lura **għal kull żmien ta' taxxa** *(fn. 20: Enfasi tat-Tribunal)*.**;** (e) il-kalkolazzjoni, meta l-kreditu ta' input tax huwa permissibbli skont metodu ta' attribuzzjoni parzjali, **tal-kreditu provviżorju ta' input tax għal kull żmien ta' taxxa u l-kreditu definittiv ta' input tax għal kull sena u tal-aġġustamenti tal-kreditu ta' input tax** *(fn. 21: Enfasi tat-Tribunal)*.

*Il-Partita 3 tal-Ħdax-il Skeda tal-Att X tal-2003 kienet tipprovdi li*: (1) il-kont tat-taxxa fuq il-valur miżjud għandu jkun kont separat li jinżamm għal kull żmien ta' taxxa minn persuna taxxabbli u għandu jkun fih it-tagħrif kollu, inklużi t-totali kollha, is-sub-totali u l-breakdowns meħtieġa li jintbagħtu fid-denunzja tat-taxxa għal dak iż-żmien. (2) Il-kont tat-taxxa fuq il-valur miżjud għandu jkun fih cross reference għall-kwistjonijiet riferiti fil-partita 2 li tkun tippermetti t-tqabbil u rikonċilazzjoni tat-tagħrif kollu li jkun jinsab fih u l-Partita 5 tal-istess imsemmija Skeda kienet tipprovdi li: il-kont ta' kull sena tat-taxxa fuq il-valur miżjud għandu jkun kont imħejji kull sena kalendarja u għandu juri t-totali tal-valuri kollha imdaħħla fil-kont tat-taxxa fuq il-valur miżjud għal kull wieħed miż-żminijiet ta' taxxa li jintemmu matul dik is-sena kalendarja.

*Meta l-aġir tas-soċjetà Rikorrenti fil-kors tal-*Credit Control Exercise *jiġi kkunsidrat fid-dawl ta' dawn il-provvedimenti tal-Liġi, jirriżulta li hija ma wettqitx l-obbligi statutorji tagħha sabiex tibbenefika mill-jedd għal kreditu għal* input tax *u konsegwentement il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud ma kellux triq oħra għajr li ma jaċċettax il-kreditu minnha reklamat fil-perijodi ta' taxxa in kwistjoni u jipproċedi bil-ħruġ tal-istimi relattivi.*

*Dwar id-dokumentazzjoni mitluba u provduta għall-finijiet tal-*Credit Control Exercise*, Rachel Cordina, l-Ispettur tad-Dipartiment inkarigata mill-*Credit Control Exercise *fil-konfront tas-soċjetà Rikorrenti, iddikjarat li għat-talba tagħha għall-*profit & loss accounts, purchases ledgers *u l-fatturi relatati mal-perijodi 1 ta' Lulju 2003 sal-31 ta' Ottubru 2006 (hawn jiġi osservat li l-perijodu mertu ta' dawn il-proċeduri huwa mill-1 ta' Lulju 2003 sal-31 ta' Ottubru 2005), hija ngħatat* il-profit and loss … u tani xi ledgers, però l-ledgers meta bdejt nagħmel reconciliation ma stajtx nagħmilhom mal-Vat returns, għax beda jagħtini ta' sena sħiħa u mhux skont il-Vat return. Allura ma stajtx nasal u bqajt nitolbu l-ledgers skont il-Vat returns, u l-invoices, però dawn qatt ma ġew. *Mix-xhieda tagħha ħareġ ukoll li l-fatturi li hija kienet ingħatat kienu relattivi għas-soċjetà Water & Waste Services, li kienet soċjetà oħra, bl-istess Diretturi, li kienet qed tiġi investigata minnha wkoll, iżda ma ngħatat l-ebda fattura relattiva għas-soċjetà Rikorrenti XXX Limited.*

*Jiġi ribadit li s-soċjetà Rikorrenti naqset milli twettaq l-obbligi statutorji tagħha sabiex tibbenefika mill-kreditu għal* input tax *minnha reklamat fid-denunzji tat-taxxa tagħha għall-perijodi ta' taxxa mertu ta' dawn il-proċeduri. Il-kwistjoni ma hijiex li* taxpayer*, is-soċjetà Rikorrenti f'dan il-każ, jagħti lid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud kwalunkwe tip ta' dokumentazzjoni, tkun xi tkun, iżda għandu l-obbligu li jagħti dik id-dokumentazzjoni speċifikatament indikata fil-Liġi u mitluba mid-Dipartiment, sabiex issir vera e proprja verifika tal-kreditu għal* input tax *reklamat tul perijodi ta' taxxa partikolari. Jekk dan ma jsirx, l-unika triq hija dik li l-kreditu għal* input tax *reklamat fid-denunzji tat-taxxa relattivi ma jiġi aċċettat, hekk kif ġara fil-każ in eżami, bil-konsegwenza li jinħarġu l-istimi opportuni fil-konfront tat-*taxpayer.

*Għal kull buon fini jiġi osservat li tul is-smigħ ta' dan l-appell quddiem il-Bord tal-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, is-soċjetà Rikorrenti stess ippreżentat dokumentazzjoni li turi tnaqqis da parte tagħha stess ta' parti sostanzjali tal-*input tax *minnha reklamata fid-denunzji tat-taxxa tagħha għall-perijodi ta' taxxa mertu ta' dan l-appell (fn. 22: Fol. 48 sa' 54 tal-proċess). Dana juri b'mod ċar li s-soċjetà Rikorrenti stess irrikonoxxiet li l-*input tax *minnha reklamata ma kenitx korretta. Jibqa' l-fatt però li fi kwalunkwe każ, l-istess soċjetà ma ssostanzjatx bil-mod opportun il-kreditu għal* input tax *minnha reklamat u/jew pretiż għall-perijodi ta' taxxa 01.07.03-31.10.05.*

*Fiċ-ċirkostanzi għalhekk u fid-dawl ta' dak kollu iktar 'l fuq osservat, it-Tribunal huwa tal-fehma li l-appell tas-soċjetà Rikorrenti mill-istimi maħruġa fil-konfront tagħha għall-perijodi ta' taxxa 01.07.03-31.10.05, ma huwiex ġustifikat u ma jistħoqqx li jiġi milqugħ."*

## L-Appell

6. Is-soċjetà appellanta ppreżentat ir-rikors tal-appell tagħha fid-29 ta' Mejju, 2024, fejn qiegħda titlob lil din il-Qorti sabiex:

> *"...tilqa' l-appell tagħha intepost u tirrevoka u tħassar is-sentenza tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva mogħtija fid-9 ta' Mejju 2024, fl-ismijiet premessi billi tilqa' it-talbiet tal-attriċi u tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti għar-raġunijiet hawn fuq imsemmija.*
>
> *Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-intimat appellat."*

Tgħid li l-aggravji tagħha huma dawn: (a) it-Tribunal kien tenut jiddikjara li hija ma kellhiex l-obbligu li żżomm dokumentazzjoni *ai termini* tas-subartikolu 48(4) tal-Kap. 406, u għalhekk id-denunzja tiegħu ma setgħetx tiġi kkontestata; (b) it-Tribunal kien tenut jiddikjara li hija kellha d-dritt li tippreżenta l-provi fir-rigward tal-*out put tax* tagħha.

7. Il-Kummissarju appellat laqa' permezz tat-tweġiba tiegħu tas-7 ta' Ottubru, 2024, fejn issottometta fl-ewwel lok li l-appell odjern huwa rritu u null għaliex ma sarx skont id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu 47(1) tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta. Jissolleva wkoll li l-Qorti mhijiex kompetenti sabiex tiddeċiedi kwistjonijiet ta' natura kostituzzjonali kif qiegħda tippretendi s-soċjetà appellanta. Dwar il-mertu, il-Kummissarju appellat jissottometti li huwa jaqbel ma' dak li ġie deċiż mit-Tribunal.

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

8. Din il-Qorti qabel xejn ser tikkunsidra dak li qiegħed jirrileva b'mod preliminari l-Kummissarju appellat, jiġifieri li d-deċiżjoni appellata m'għandha l-

ebda bażi legali kif jitlob is-subartikolu 47(1) tal-Kap. 406. Jikkontendi li l-appell odjern mhuwiex msejjes fuq punt ta' dritt, iżda fuq l-apprezzament tal-fatti u l-konsiderazzjonijiet li għamel it-Tribunal.

9. Is-soċjetà appellanta qiegħda tinsisti permezz tal-ewwel aggravju tagħha, li skont is-subartikolu 48(4) tal-Kap. 406, li jistabbilixxi terminu massimu ta' sitt snin li fih hija marbuta żżomm l-informazzjoni, hija ma kellha l-ebda obbligu li żżomm il-kotba, partikolarment dawk għas-snin 2003 u 2004. Iżda l-Qorti tgħid li mkien fis-sentenza appellata ma ġiet dibattuta l-kwistjoni tal-obbligu legali tagħha kif marbut mat-terminu ta' sitt snin, u għalhekk ma ssibx li s-soċjetà appellanta qiegħda tissolleva xi punt ta' liġi li minnu tista' tappella quddiem din il-Qorti.

10. Dwar it-tieni aggravju tagħha, is-soċjetà appellanta tispjega li hija tinsab aggravata li t-Tribunal naqas li jiddikjara li hija kellha d-dritt li tippreżenta l-provi għall-*input tax*. Il-Qorti tikkunsidra li din il-kwistjoni, mingħajr ma tidħol fil-mertu jekk tikkostitwixxix punt ta' dritt jew ta' fatt, ġiet deċiża fis-sentenza tat-Tribunal tas-6 ta' Marzu, 2018, kif saħansitra rrileva l-istess Tribunal fis-sentenza appellata. Huwa qal li ġaladarba din kienet ġiet ittrattata u deċiża, kien *"...jifdal issa l-appell tas-soċjetà Rikorrenti jiġi trattat fil-mertu fid-dawl tar-rimanenti eċċezzjonijiet sollevati mill-Kummissarju".* B'hekk it-Tribunal ġustament ma kkunsidrax mill-ġdid l-imsemmija kwistjoni tal-preżentata ta' provi fir-rigward tal-*input tax.* Il-Qorti tagħraf għalhekk li l-aggravju tas-soċjetà appellanta huwa għal kollox infondat.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti, filwaqt li tiddikjara l-appell odjern irritu u null, tastjeni milli tieħu konjizzjoni tiegħu.**

**L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri fiż-żewġ istanzi, għandhom ikunu a karigu tas-soċjetà appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**